**TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR**

MALTA

**CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL**

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/123/21/S

Shawn Aquilina
vs
Grech & Co Ltd

Illum 16 ta' Gunju,2022.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Shawn Aquilina pprezentata fis-26 ta'Lulju,2021 filwaqt li s-socjeta Grech & Co Ltd, ghalkemm debitament notifikata, baqghet la pprezentat risposta u lanqas deheret ghas-seduta li saret;

Ra d-dokumenti pprezentati u sema' lir-rikorrenti;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda talba ghal bdil ta' "controller" tal-'playstation' jew ghar-rifuzjoni tal-flus lura meta skont l-istess rikorrenti, il-perjodu ta'sentejn tal-garanzija kien ghadu m'ghaddiex;

Illi jinghad mal-ewwel li s-socjeta intimata naqset milli twiegeb ghat-talba ta' Shawn Aquilina u lanqas deheret ghas-seduta li saret;

Illi t-Tribunal ghandu quddiemu verzjoni wahda u cioe dik ta' Shawn Aquilina li ma gietx kontradetta bl-ebda mod mis-socjeta intimata;

Illi n-nuqqas ta' dehra tas-socjeta intimata ma jfissirx li dan it-Tribunal m'ghandux jixtarr dak mitlub u kemm dan hu gustifikat;

Illi r-rikorrenti spjega t-talba tieghu u kif wasal ghal tali talba;

Illi min-naha l-ohra ebda rapprezentant tas-socjeta intimata ma deher biex jitfa' dawl fuq din it-talba u lanqas biex jaghti l-verzjoni tal-istess socjeta;

Illi fic-cirkostanzi tal-kaz u kif spjegat mir-rikorrenti, ebda rapprezentant tas-socjeta intimata ma ezamina l-imsemmi prodott izda il-komunikazzjoni saret biss permezz tat-telefon;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba ta' Shawn Aquilina u Jordna lis-socjeta Grech & Co Ltd jaghti 'controller' gdid lil Shawn Aquilina filwaqt li dan tal-ahhar ghandu jirritorna lura l-prodott li ma kienx qed jiccargja. L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mis-socjeta intimata Grech & Co Ltd.

Richard Sladden Av.
Arbitru